# Il-150 Anniversarju
## mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna
## 1855-2005

**minn D. Karm Cassar**

Il-parroċċa tagħna qegħda tfakkar il-150 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Hu xieraq, għalhekk, nagħtu xi ħjiel storiku dwar il-parroċċa tagħna, li għalina hi tant għażiża, li magħha nħossu qalbna u s-sentimenti tagħna tant marbuta.

Sas-sena 1829, il-knisja tagħna, iddedikata, lil Marija Santissima taħt it-Titlu Glorjuż tal-Madonna ta' Loretu, kienet għadha Viċendarja, immexxiha minn Dun Ġużepp Xerri mix-Xagħra, Għawdex.

Fis-sena 1829, il-Knisja ta' Għajnsielem, minn Viċendarja saret Viċi-Parrokkjali tan-Nadur, u bħala l-ewwel Viċi-Parrokku tagħha gie magħżul is-saċerdot Franġisk Schembri minn Ħaż-Żabbar. It-tieni viċi-parroku tagħha kien saċerdot Għawdxi, Dr. Anton Cauchi, li żamm din il-kariga fuq tnax-il sena, sakemm ġie maħtur l-ewwel vigarju kurat u mbagħad malli l-Knisja saret Parroċċa, b'digriet tal-Papa, il-Beatu Piju IX, fuq ir-rakkomadazzjoni ta' Mons Isqof D. Publiju M. dei Conti Sant. Inħatar bħala l-ewwel kappillan fis-sena 1855, jiġifieri 150 sena ilu. Dan kien nhar l-14 t'April 1855.

Il-parroċċa ta' Għajnsielem ġiet maħruġa min-Nadur u mix-Xewkija. L-editt ta' l-isqof ġie maħruġ fit-30 ta' Marzu u ġie mxandar bis-solennità kollha fil-knisja parrokkjali ġdida, fl-istess jum tad-data tiegħu b'effett mill-għada, l-1 ta' April 1885.

Skond ma jgħid l-editt fuq imsemmi il-parroċċa ġdida ta' Għajnsielem ġiet magħmula u bdiet tikkonisti minn tliet limiti li huma l-gżira ta' Kemmuna u l-lok Hainsalem li qabel kienu jagħmlu man-Nadur u l-Imġarr ix-Xini, li qabel kien jagħmel max-Xewkija. Fiż-żmien li Għajnsielem sar parroċċa l-popolazzjoni tar-raħal kienet ftit iżjed minn 800, numru konsiderevoli ħafna għal dak iż-żmien meta sallum f'Għawdex għad għandha xi parroċċi b'popolazzjoni ta' inqas minn 600; issa il-popolazzjoni attwali ta' Għajnsielem qiegħda toqrob lejn it-tlett elef.

**Il-kappillani tagħha**



Sal-lum il-parroċċa kellha 10 kappillani li disgħa minnhom ġew minn barra r-raħal ta' Għajnsielem waqt li l-aħħar wieħed l-arċipriet attwali l-**Kan. Dun Ġużepp Zerafa** hu iben ir-raħal tagħna.

L-ewwel kappillan ta' Għajnsielem kien **Dun Anton Cauchi** mill-Belt Victoria u bħala kappillan ta' rahalna dam mill-1855 sa l-1864 u wara ġie nominat Monsijur tal-katidral anzi ukoll Vigarju Ġenerali għad-djoċesi t Għawdex. Dan il-kappillan jien inqisu l-pijunier ta' l-istorja tal-parroċċa tagħna.

It-tieni kappillan kien **Dun Pietru Pawl Ciantar** mix-Xewkija li dam mill-1864 sat-2 ta' Frar 1865 meta ġie innominat Arċipriet tax-Xewkija. Aktarx li fiż-żmien dan il-kappillan kien sar it-tużell li jintrama fil-festa tagħna.

Mons. Isqof Mikiel Butigieg l-ewwel Isqof tad-Djoċesi Għawdxija fis-16 ta' Lulju 1865 kien li innomina bħala t-Tielet Kappillan ta' Għajnsielem lil **Dun Mikielang Refalo** mir-Rabat ta' Għawdex li dwaru forsi l-aktar li nistgħu

nghidu li fiż-żmien il-Parrokat tiegħu saret l-istatwa tat-titular jiġifieri tal-Madonna ta' Loretu. Dam kappillan sas-sena 1867.

Wara Dun Mikielanġ laħaq bħala r-raba' kappillan ta' Għajnsielem **Dun Pietru Pawl Galea D.D.** min-Nadur li bħala ragħaj spiritwali qeda l-parroċċa mill-1868 sal-1900. L-ikbar mertu tiegħu bħala ragħaj spiritwali ta' Għajnsielem kien li meta ra li l-popolazzjoni ta' Għajnsielem tikber u l-knisja saret wisq ċkejkna għaliha ħaseb biex ikabbar il-knisja kif difatti għamel. Fi żmienu kien li nbniet il-kappella ta' Lourdes u li laqa' wkoll fit-territorju tiegħu l-Patrijiet Franġiskani Minuri. Dun Pietru Pawl Galea miet bħala kappillan ta' Għajnsielem u l-fdalijiet tiegħu jinsabu fostna mħarsa f'qabar qrib il-presbiterju fil-Knisja l-Qadima.

Il-Ħames Kappillan li kellha l-Parroċċa ta' Għajnsielem kien **Dun Anton Aquilina**, it-tielet Rabti li ġie magħżul wara vojt (*seade vacante*) ta' aktar minn tliet xhur nhar l-11 ta' Lulju 1900 u dam f Għajnsielem sal-1908 is-sena li fiha ġie trasferit għall-Knisja Arċipetali tax-Xewkija.

Nassumi li l-knisja ta' Għajnsielem ħasset wisq it-tluq tiegħu għax Dun A. Aquilina kien dak il-kappillan li żejjen il-knisja ż-żgħira b'tant opri sbieħ u meħtieġa. Hu biżżejjed inħarsu lejn l-armar hekk imponenti li għandu l-artal maġġur għall-festa meta tarah imżejjen b'sett ta' gandlieri tant sbieħ kif ukoll l-appostli jintramaw fil-Prima ta' dan l-artal.

Xi kwadri impittra minn Ġuze Cali li għandha l-knisja saru fi żmienu kif ukoll fi żmienu sar l-orgni, il-pedestall tal-vara titulari, l-apparat (il-ħwejjeġ sagri) li kellha qabel il-knisja għall-festa, il-biċċa kbira mid-damask, xi statwi u fuq kollox id-Dar Parrokkjali jew il-Kanonika li bena għalih u għall-kappillani li kellhom jiġu warajh. Billi qabel sar kappillan f Għajnsielem kellu l-uffiċċju ta' Ċeremonjier tant kien irid l-affarijiet isiru sewwa li minnu jingħad li fil-festi waqt id-daqq tal-moti kien joqgħod fil-gallarija tad-Dar Parrokkjali u minn hemm jidderieġi lil dawk li kienu jkunu fil-kampnari biex idoqqu sew il-moti.

Is-Sitt Kappillan kien **Dun Maurizio Cauchi** mir-Rabat ukoll li ħa l-pussess tal-Parroċċa tagħna fit-8 ta' Settembru 1908 u dam biss fil-kariga ta' kappillan ta' raħalna għal ftit xhur sad-29 ta' Marzu 1999 meta ġie trasferit għall-Arċipretura tax-Xagħra. Milli jidher Dun Maurizio kien bniedem kolt la darba kien wieħed mill-eżaminaturi prosinodali; kellu wkoll it-titlu ta' Monsinjur. Episodju li niftakar dwaru hu li meta kont għadni kjerku iżda ma niftakarx x'kienet l-okkażjoni hu kien mistieden jiffunzjona fil-knisja tagħna u billi bħal monsinjuri l-oħra kellu l-privileġġ ta' l-użu tal-kanoni waqt il-quddies kantat u jien kont qed nassistih kif ġa għidt bħala kjerku wara il-quddiesa staqsieni jekk ħax xi żball u jien għedtlu : 'Le'. Ikolli ngħid li dak il-ħin kellu quddiem għajnejh il-ħsieb li darba hu kien il-kappillan tal-knisja li fiha kien qed iqaddes, għax sirt naf, li mbagħad hu rregala, permezz ta' Dun Ġużepp Galea Rapa, lill-knisja tagħna s-somma ta' ħamsa u għoxrin sterlina li għal dak iż-żmien ta' madwar sittin sena ilu, kienet somma konsiderevoli sew.

Is-seba' kappillan **Dun Franġiski Mizzi** ġie mill-Parroċċa tal-Għarb u min hu ta' l-età tiegħi jew xi ftit iżgħar żgur li jafu sewwa. Għalija kien dak il-kappillan li għammidni u li għamilli l-ewwel tqarbina. Fi żmienu għamluli l-Griżma ta' l-Isqof ; kien fi żmienu li kont abbati u kien hu wkoll li għamilli ċ-ċertifikat għad-dħul fis-seminarju maġġuri, iżda miet ħa ngħid hekk jippriedka fuq l-artal ta' Sant' Antnin kważi sena qabel l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi nhar il-11 ta' Ġunju 1948.



Dwar dan il-kappillan kont ktibt f'xi perjodiku ieħor iżda hu sew li ngħid li kien qassis ħafna ta' l-affari tiegħu li jġiblek suġġestjoni. Kien hu li fis-sena 1920 irrinova u ndura l-istatwa tal-Madonna ta' Loretu, waqqaf dawk li aħna soltu nsejħulhom 'Il-Qwaranturi,' ġab l-istatwa ta' San Ġużepp, il-ġelandra il-kbira u beda l-bini tal-knisja l-ġdida. Daħħal xi devozzjonijiet fil-Parroċċa u nkuruna l-ħajja pastorali tiegħu billi minn flusu xi sena qabel mewtu għamel anzi ħallas minn butu t-tabernaklu tal-fidda. L-istima li l-parroċċjani tiegħu kellhom lejh dehret ċara għall-aħħar fil-funeral tiegħu għax il-poplu Għajnselmiż kollu bkieh fil-mewt tiegħu. Il-kappillan F. Mizzi jinsab midfun fiċ-ċimiterju tagħna li hu opra oħra li saret fi żmienu.

Is-suċċessur ta' Dun Franġisk Mizzi allura t-tmien kappillan kien **Dun Manwel Scerri** mill-Qala li wara ħidma pastorali barra minn xtutna u ex-

Kappillan ta' l-Għasri sar it-tmien kappillan tagħna u beda l-ħidma pastorali tiegħu f'Għajnsielem fis-sena 1948 u wara l-1955 ġie nominat kappillan għall-Qala. Kien fi żmienu li jien ġejt ordnat qassis u fi żmienu wkoll għaddiet minn fostna r-Reġina Elizabbetta II li hu flimkien mal-kleru offrielha bukkett fjuri. Kien hu li waqt purċissjoni bil-Madonna ta' Loretu kkonsagra solennament il-Parroċċa lill-qalb bla teba' ta' Marija fil-Pjazza tad-Dehra u mexxa għal xi żmien il-bini tal-knisja l-ġdida. Miet bħala kappillan tal-Qala fejn ukoll jinsab midfun.

Id-disa' kappillan tagħna kien **Mons. Espedito Tabone** mix-Xagħra li wara ħidma pastorali siewja fix-Xagħra u barra minn xtutna u f'Malta beda mbagħad il-missjoni pastorali tiegħu f'Għajnsielem fis-sena 1955 u baqa' magħna sas-sena 1981 u wara ħidma kbira ta' aktar minn 25 sena irreżenja u rtira fir-raħal twelidu x-Xagħra u ġie mbagħad kif kien xieraq onorat bit-titlu ta' Monsinjur u magħżul Dekan tal-Kolleġġjata tax-Xagħra. Il-Kappillan Kan. Espedito Tabone kien ukoll l-ewwel Arċipriet li kellu Għajnsielem meta fis-sena 1965 il-Parroċċa ta' Għajnsielem b'digriet tat-3 ta' Settembru ta' l-istess sena ġiet mogħtija d-dinjità Arċipretali.

Dak li wettaq fostna l-Arċipriet Espedito Tabone żgur li l-Għajnselmiżi kważi kollha dawn jafuh. Sa mill-ewwel diskors li kien għamel fl-inawgurazzjoni tal-pussess tiegħu lilu mogħti f'isem l-isqof Ġużeppi Pace minn Mons. Klement Buttigieg, hu wera determinazzjoni sħiħa li jrid ikompli l-bini tal-Knisja l-ġdida, kif difatti rnexxielu jagħmel. Għalhekk fis-sena 1978 il-knisja ġiet inawgurata u mbierka, imbagħad fis sena 1979 tlesta wkoll il kampnar u tbierek mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Wara mbagħad li lesta fil-knisja xi opri oħra u għamel minn flusu l-artal maġġur tagħha, għax ħass il-ħtieġa li kellu jistrieħ, hu rtira x-Xagħra. Miet fl-Isptar Ġenerali fit-18 ta' Jannar 2000 u waqt it-trasport tal-katavru tiegħu lejn ix-Xagħra, il-fdalijiet tiegħu għaddewhom, kif kien xieraq, minn Għajnsielem, fejn folla mdaqqsa sellmitlu biċ-ċapċip ta' l-idejn.

L-għaxar kappillan tagħna u t-tieni arċipriet, anzi l-uniku kappillan Għajnselmiż, li bħala ragħaj spiritwali beda jmexxi l-Parroċċa ta' Għajnsielem hu l-Arċipriet attwali, il-Kan Dun Ġużepp Zerafa. Dun Ġużepp ġie innominat Arċipriet minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi fil-11 ta' Marzu 1981 u ġie mogħti l-pussess minn Mons. Ġużepp Curmi, delegat ta' l-Isqof nhar il-5 ta' April 1981.



Minkejja li l-binja tal-knisja tlestiet kien għad baqa' wisq xogħol xi jsir fiha u naħseb li l-ikbar biċċa xogħol li l-arċipriet il-ġdid sa mill-bidu sab quddiemu, kien l-invjar minn ġewwa tal-knisja. Wara b'diversi tentattivi l-arċipriet irnexxielu jsib ħaddiema għal tant xogħol vast u perikoluż, iżda minkejja d-diffikultajiet li setgħu nqalgħu u l-ħafna finanzi hekk meħtieġa, hu rnexxielu jwassal l-invjar tagħha sat-tmiem wara tnax-il sena, għax ix-xogħol kien mitmum minn Toni Zerafa fit-3.15p.m. ta' l-1 ta' Marzu 1993, u jingħad li n-nefqa kienet ta' tmenin elf u seba' mitt lira.

Xogħol ieħor iebes kien ċertament il-paviment bl-irħam u wara dan kollu saret il-Via Sagra, in-niċeċ, bankijiet tal-fratellanzi, il-linef u tant affarijiet jew opri oħra li jidhru jżejnu l-knisja tagħna u mbagħad biex għalihom l-Arċipriet ikun ġabar il-flus u minkejja li ma jidhrux iżda jkunu meħtieġa ħafna għall-andament tajjeb tal-knisja.

Għalhekk ilkoll għandna d-dmir li nroddu ħajr lil Alla ta' tant grazzji li hu għoġbu jxerred fuq il-Parroċċa tagħna mal-medda ta' 150 sena bħala Parroċċa u anke għaż-żmien ta' qabel ma saret Parroċċa, żmien li jmur sas-sena 1820. Hu xieraq għall-aħħar li niftakru f'dawk il-benefatturi kollha, kappillani, saċerdoti, u lajċi li stinkaw u ħadmu għall-Parroċċa tagħna, kemm jekk huma mejtin jew għadhom ħajjin u nibqgħu nitolbu għalihom. Irridu napprezzaw dak kollu li ħallewlna dawk ta' qabilna u nibżgħu għalih, u fuq kollox ngħarfu napprezzaw dak it-tajjeb li għaddewlna.

Nitolbu bil-qalb lil Marija Lawretana ħa tkompli tidħol għalina biex ħajjitna tkun tassew tixbah lil tagħha u b'mod speċjali fil-ħajja li għexet fid-dar tagħha u nawguraw lill-Għajnselmiżi kollha li jfakkru dan l-avveniment tal-150 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa biex ma jkunx ġie għalxejn għalina. Xieraq għalhekk li nġeddu l-Konsagrazzjoni tal-Parroċċa tagħna lill-qalb ta' Marija u nippropronu li nibqgħu nghixu din il-konsagrazzjoni tagħna lilHa tul ħajjitna kollha. **AWGURI. AWGURI.**